MALTA

ATT Nru. XVI ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101.

ACT No. XVI of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

5 ta' Lulju, 1996

ATT Nru. XVI ta' l-1996

ATT li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101).

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1Ċ) tiegħu, minflok il-kliem "jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D)" għandhom jidħlu l-kliem "jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D) jew fis-subartikolu (1E)";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1D) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1E) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk timmanifattura, tittrasporta jew tqassam xi tagħmir jew materjali meta tkun taf li dawn ikunu sejrin jintużaw għall-koltivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u kull għemil projbit taħt dan is-subartikolu għandu għall-finijiet

ta' din l-Ordinanza jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza.";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 8 jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E), priġunerija għall-għomor:

Iżda:

(aa) meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew

(bb) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu,

f'każijiet bħal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija; u"; u

(ii) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "fis-subartikolu (1Ċ) jew (1D)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (1Ċ) jew (1D) jew (1E)", minflok il-kliem "mhux iżjed minn ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "mhux iżjed minn għaxar snin" u minflok il-kliem "mhux iżjed minn elfejn lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija"; u

(d) is-subartikolu (3A) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "jkun jew jirreferi għall-bejgħ jew traffikar ta' mediċina," sa "b'żieda ma' kull piena oħra—" għandhom jidħlu l-kliem "jkun xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni —";

(ii) fis-subparagrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "meta xi proprjetà immobbli" għandhom jidħlu l-kliem "meta xi proprjetà immobbli, f'Malta jew f'xi post barra minn Malta,";

(iii) fis-subparagrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "dwar xi biċċa tal-baħar jew vettura" għandhom jidħlu l-kliem "dwar xi biċċa tal-baħar jew vettura, f'Malta jew f'xi post barra minn Malta,"; u

(iv) fis-subparagrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "għaddiet għand terzi persuni." għandhom jidħlu l-kliem "għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.".

3. L-artikolu 24A tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 24A tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "sabiex jagħmlu tfittxija għal dak il-materjal." għandhom jidħlu l-kliem "sabiex jagħmlu tfittxija għal u jaqbdu dak il-materjal."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6A) Meta jkun sar jew ikun intalab ordni ta' sekwestru, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li l-ordni ta' sekwestru jkun ħekk sar jew intalab, jikxef xi ħaġa li tista' tippreġudika l-effikaċja ta' l-imsemmi ordni jew xi investigazzjoni konnessa miegħu ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippreġudika l-investigazzjoni jew l-effikaċja ta' l-ordni ta' sekwestru.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 24B, 24Ċ u 24D mal-liġi prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 24A tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin :

"Setgħat ta' investigazzjoni dwar reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

24B. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta sabiex isiru investigazzjonijiet f'Malta dwar persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "il-persuna suspettata") suspettata minn dik l-awtorità b'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24A għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-Qorti bħala riżultat ta' dik it-talba.

(2) Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fis-subartikoli (2) u (5) ta' l-istess artikolu 24A għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Iffriżar ta' proprjetà ta' persuna akkużata b'reati fil-kompetenza ta' Qrati barra minn Malta.

24C. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta għall-qbid temporanju ta' kull jew xi flejjes jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-akkużat") imputata jew akkużata fi proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak il-post b'reat li jkun jikkonsisti f'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċikostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "ordni ta' iffriżar") li jkollu l-istess effett bħal ordni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22A u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-ordni.

(2) L-ewwel proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22A ma għandux japplika għal ordni ta' iffriżar magħmul taħt dan l-artikolu ħlief jekk:

(a) l-akkużat ikun preżenti f'Malta fid-data li fiha jsir l-ordni; jew

(b) l-Avukat Ġenerali jew xi persuna interessata oħra preżenti f'Malta jitlob jew titlob lill-Qorti, qabel jew wara li jsir l-ordni, li jiġi applikat dak il-proviso f'liema każ il-Qorti għandha biss tapplika l-proviso safejn tkun sodisfatta li jkun meħtieġ li jiġi applikat dak il-proviso sabiex lill-akkużat u lill-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti.

(3) Fil-każ ta' ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu jkun biżżejjed li l-ordni jkun fih ta' mill-anqas erbgħa mill-partikolaritajiet imsemmija fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22A u jista' jkun fih ukoll kull partikolarità oħra, inkluż in-numru tal-passaport, ta' l-akkużat li tkun utili għall-identifikazzjoni ta' l-akkużat.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha jsir iżda għandu jiġi mġedded mill-Qorti għal perijodi oħra ta' sitt xhur fuq talba għal dak il-għan mill-Avukat Ġenerali u wara li l-Qorti tkun sodisfatta li:

(a) il-kondizzjonijiet li jkunu wasslu għall-għemil ta' l-ordni jkunu għadhom jeżistu; jew

(b) li l-akkużat ikun instab ħati ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fil-proċedimenti msemmija fl-istess subartikolu u ma tkunx ġiet esegwita s-sentenza rigward l-akkużat f'dawk il-proċedimenti jew ma jkunx ġie esegwit xi ordni ta' konfiska konsegwenzjali jew aċċessorju għal dik is-sentenza kemm jekk dak l-ordni jkun sar fi proċedimenti ċivili jew kriminali:

Iżda meta l-akkużat ikun instab ħati kif imsemmi qabel iżda ma jkun sar ebda ordni ta' konfiska fis-sentenza dwar dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija l-ordni ta' iffriżar għandu madankollu jiġi mġedded kif mitlub mill-Avukat Ġenerali meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-proċedimenti ċivili jew kriminali għall-għemil ta' ordni bħal dak ikunu pendenti jew imminenti.

(5) Kull ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu jista' jiġi revokat mill-Qorti qabel jagħlaq il-perijodu stabbilit fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu:

(a) fuq it-talba ta' l-Avukat Ġenerali; jew

(b) fuq it-talba ta' xi persuna interessata u wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali meta l-Qorti tkun sodisfatta:

(i) li l-kondizzjonijiet li jkunu wasslu għall-għemil ta' l-ordni ma jkunux għadhom jeżistu; jew

(ii) li kien hemm deċiżjoni finali fil-proċedimenti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li bis-saħħa tagħha l-akkużat ma jkunx instab ħati ta' xi reat kif hemm imsemmi fl-istess subartikolu.

(6) L-artikolu 22B għandu wkoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu.

Esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska magħmulin minn Qrati barra minn Malta wara kundanna għal reati fil-kompetenza ta' dawk il-Qrati.

24D. (1) Ordni ta' konfiska magħmul minn qorti barra minn Malta jista' jiġi esegwit f'Malta skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta għall-esekuzzjoni f'Malta ta' ordni ta' konfiska magħmul minn qorti kompetenti f'dak il-post (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni esteru ta' konfiska") l-Avukat Ġenerali jista' jibda azzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' rikors li fih jitlob li tiġi ordnata l-esekuzzjoni f'Malta ta' l-ordni esteru ta' konfiska.

(3) L-Avukat Ġenerali għandu jehmeż mar-rikors kopja ta' l-ordni esteru ta' konfiska rilevanti flimkien mad-dokumenti kollha li huwa jkun jista' jipproduċi b'sustenn għat-talba tiegħu u għandu jagħti fir-rikors tiegħu l-ismijiet taxxhieda kollha li jkun bi ħsiebu jġib, fejn jgħid dwar kull wieħed il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.

(4) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-persuna li l-proprjetà tagħha l-ordni esteru ta' konfiska jidher li jkun se jikkonfiska, liema persuna għandha tippreżenta r-risposta

tagħha fi żmien ħmistax-il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors. Ir-risposta għandu jkun fiha lista tax-xhieda li l-intimat ikun bi ħsiebu jġib, fejn jgħid dwar kull wieħed il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel u l-intimat għandu jehmeż mar-risposta d-dokumenti kollha li huwa jkun jista' jipproduċi u li jkun bi ħsiebu jġib bħala prova.

(5) Il-Qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iżjed tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.

(6) Il-Qorti ma għandhiex tordna l-esekuzzjoni f'Malta ta' l-ordni esteru ta' konfiska jekk:

(a) l-intimat ma kienx ġie notifikat bil-proċedimenti li kienu wasslu għall-għemil ta' l-ordni esteru ta' konfiska rilevanti hekk li ma kellux opportunità biżżejjed biex jikkontesta l-għemil ta' l-istess ordni;

(b) l-ordni esteru ta' konfiska jkun inkiseb bi frodi daparti ta' xi persuna bi preġudizzju għall-intimat;

(ċ) l-ordni esteru ta' konfiska jkun fih xi dispożizzjoni kuntrarja għall-ordni pubbliku jew għall-liġi pubblika lokali li tkun issehh f'Malta;

(d) l-ordni esteru ta' konfiska jkun fih dispożizzjonijiet kontradittorji.

(7) Deċiżjoni mill-qorti li biha tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' ordni esteru ta' konfiska għandu jkollha l-effett li tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta kull ħaġa u proprjetà tkun li tkun li tkun tinsab f'Malta li l-konfiska tagħhom tkun ġiet ordnata fl-ordni esteru ta' konfiska suġġett għal kull direttiva li l-Gvern ta' Malta jista' jagħti sabiex jiddisponi ulterjorment mill-istess ħwejjeġ u proprjetà hekk konfiskati.

(8) Id-deċiżjoni li biha tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' ordni esteru ta' konfiska li jkun jipprovdi għall-konfiska ta' proprjetà immobbli jew ta' xi titolu għal proprjetà bħal dik ikollha l-effett li titrasferixxi dik il-proprjetà immobbli jew dak it-titolu lill-Gvern ta' Malta u għall-finijiet ta' l-artikolu 239 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12
l-Avukat Ġenerali għandu jitqies li hu l-parti interessata li tista' tikseb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment.

(9) Id-deċiżjoni li biha tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' ordni esteru ta' konfiska li jkun jipprovdi għall-konfiska ta' proprjetà mhux speċifikata li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għar-rikavat għandha, kif tiġi irreġistrata fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, tipproduċi minn dak in-nhar li tiġi hekk reġistrata ipoteka għall-kreditu li jkun jammonta għall-imsemmi valur.

(10) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba kif imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu l-Avukat Ġenerali jista', sabiex iqiegħed fiż-żgur xi proprjetà jew il-proprjetà kollha li l-ordni esteru ta' konfiska jidher li jkun qed jikkonfiska jew itellef, jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħruġ ta' kull jew ta' xi att kawtelatorju msemmi fl-artikolu 830 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Iżda s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 830 imsemmi hawn qabel u l-paragrafi (ċ), (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandhomx japplikaw għal xi att kawtelatorju maħruġ bis-saħħa ta' dan l-artikolu.

(11) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw għal kull rikors taħt dan l-artikolu.

(12) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"ordni ta' konfiska" tinkludi kull sentenza, deċiżjoni, dikjarazzjoni, jew ordni ieħor magħmul minn qorti kemm ta' ġurisdizzjoni kriminali jew ċivili li jkun jipprovdi jew jidher li jkun jipprovdi għall-konfiska jew telfien ta':

(i) rikavat;

(ii) proprjetà li fiha r-rikavat ikun ġie trasformat jew konvertit;

(iii) proprjetà li magħha jkun ġie mħallat ir-rikavat;

(iv) *income* jew benefiċċji oħra derivati minn (i), (ii) u (iii) ta' hawn fuq;

(v) proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għar-rikavat; jew

(vi) mediċini perikoluż, materjali u tagħmir jew strumentalitajiet oħra wżati jew maħsuba biex jintużaw b'xi mod f'reat rilevanti;

"rikavat" tfisser kull vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà derivata minn jew miksuba, direttament jew indirettament, mill-għemil ta' reat rilevanti u tinkludi kull *income* jew benefiċċji oħra derivati minn dik il-proprjetà;

"proprjetà" tfisser attiv ta' kull xorta, kemm jekk korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew istrumenti legali li huma prova ta' titolu għal, jew interess fi, dak l-attiv;

"reat rilevanti" tfisser kull reat li jkun jikkonsisti f'xi att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tas-subparagrafu (1) ta' l-artikolu 24A.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 30Ċ u 30D mal-liġi prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 30B tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Persuni trasferiti għal Malta mill-esteru sabiex jixhdu jew jgħinu f'investigazzjoni eċċ.

30Ċ. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta xhud, espert jew persuna oħra f'pajjiż barrani jaqblu, dwar reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, li jixħdu fi proċediment jew li jgħinu f'investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment ġudizzjarju f'Malta wara talba għal assistenza ta' dik ix-xorta magħmula mill-awtorità kompetenti f'Malta lill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż barrani dak ix-xhud, espert jew persuna oħra ma għandhomx, waqt li jkunu f'Malta, jiġu proċessati, detenuti, jingħataw piena jew jiġu assoġġettati għal xi restrizzjoni oħra fuq il-libertà personali tagħhom dwar atti, ommissjonijiet jew kundanni ta' qabel it-tluq tagħhom mill-pajjiż barrani.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jibqgħux japplikaw meta x-xhud, espert jew persuna oħra:

(a) jonqsu li jitilqu minn Malta, wara li kellhom l-opportunità li jagħmlu dan, fi żmien perijodu ta' ħmistax-il jum konsekuttivi mid-data li fiha huma jkunu ġew notifikati mill-Avukat Ġenerali b'avviż li jinformahom li l-preżenza tagħhom f'Malta ma tkunx għadha meħtieġa; jew

(b) wara li jkunu telqu minn Malta, jirritornaw minn jeddhom.

Kooperazzjoni fit-trażżin ta' reati rilevanti fuq il-baħar,

30D. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-awtorità li tagħmel it-talba") għal awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-post jieħdu l-miżuri xierqa dwar biċċa tal-baħar rilevanti raġonevolment suspettata li tkun qed twettaq reat rilevanti l-Avukat Ġenerali jista' bil-qbil tal-Prim Ministru, jawtorizza t-teħid ta' l-imsemmija miżuri mill-awtoritajiet kompetenti hawn qabel imsemmija suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu miftiehma bejn l-awtorità li tagħmel it-talba u l-Avukat Ġenerali, bil-qbil tal-Prim Ministru.

(2) Meta tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali kif imsemmi qabel l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subartikolu (1), suġġett għall-kondizzjonijiet li jistgħu ikunu ġew miftiehma kif provdut fl-istess subartikolu, ikunu awtorizzati li jieħdu l-miżuri xierqa u li jeżerċitaw abbord il-biċċa tal-baħar li dwarha jkunu ġew awtorizzati l-miżuri xierqa taħt dan l-artikolu dawk is-setgħat kollha ta' arrest, dħul, perkwiżizzjoni u qbid li huma mogħtija lill-pulizija eżekuttiva ta' Malta.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"reat rilevanti" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (12) ta' l-artikolu 24D;

"biċċa tal-baħar rilevanti" tfisser bastiment jew kull inġenji oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma ta' kull deskrizzjoni, inklużi *hovercrafts* u inġenji sommerġibbli, li jtajru l-bandiera Maltija jew juru l-marki ta' reġistrazzjoni ta' Malta waqt li jkunu jeżerċitaw il-libertà ta' navigazzjoni skond id-dritt internazzjonali; u

"miżuri xierqa" dwar biċċa tal-baħar tinkludi t-tlugħ abbord fuq u l-perkwiżizzjoni ta' dik il-biċċa tal-baħar kif ukoll kull azzjoni xierqa oħra dwar dik il-biċċa tal-baħar, persuni u tagħbija abbord dik il-biċċa tal-baħar jekk tinsab prova li dik il-biċċa tal-baħar tkun involuta f'reat rilevanti.".

Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

6. (1) Fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, minflok il-kliem "ħamsa u għoxrin sena" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u tletin sena".

(2) Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafi (i) sa (xiii) tal-paragrafu (b) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala (ii) sa (xiv) rispettivament;

(b) minnufih qabel is-subparagrafu (ii), kif enumerat mill-ġdid, tal-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) minn tmien snin sa tletin sena,"; u

(ċ) fil-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu, minflok il-kliem "mit-tlettax-il grad" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "mill-erbatax-il grad".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 555 ta' l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati